# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 746/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Raymond FARRUGIA [ID 550556M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' seba' mija tnejn u disghin euro u erbgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€792.24c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' seba' mija u tnejn u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€792.24) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 10181343).

> Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-3 ta' Ottubru, 2015.

Ra li fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 deher l-intimat mhux assistit li ddikjara li huwa ma ghandu jaghti xejn salv ghal penali peress li huwa ma zammx il-kuntratt attiv ghal sentejn. Iddikjara ukoll li huwa ma ghandux ricevuti.

Semgha lil Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, tiddikjara bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta' Novembru, 2015 u li permezz taghha irriduciet l-ammont ta' hamsin euro (€50) mill-ammont reklamat.

Ra l-verbal tal-11 ta' Novembru, 2015 fejn l-intimat iddikjara bil-gurament tieghu li huwa ma ghandux ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti peress li hija hallietu ghal hdax-il xahar shah juza s-servizzi taghha minghajr ma waqfitu.

Ra l-verbal tal-11 ta' Novembru, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma, kif ridotta bin-nota t aghha tal-11 ta' Novembru, 2015, ta' seba' mija tnejn u erbghin euro u erbgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€742.24c] in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC 10181343) moghtija minnha lill-intimat.

   Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 Dr. Keith Grech ghas-socjeta rikorrenti, wara li ghamel referenza ghan-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti dak-in-nhar stess, irrileva li l-ammont reklamat ghandu jonqos bl-ammont imsemmi fl-istess nota.

3. L-intimat xehed u qal li ma jistax ikun li huwa ma ghamilx pagamenti f'dak il-perjodu ta' hdax-il xahar shah li ghamel juza s-servizz tas-socjeta rikorrenti wara li kien skada l-kuntratt. Qal li "*dan qieghed nghidu l-ghaliex kieku ghamilt hekk kieku zgur kienu jwaqqfu s-servizz mhux ihalluni niehu iktar servizz b'xejn* " (fol. 15). Zied ighid li huwa ma ghandux ricevuti tal-hlasijiet li qal li ghamel u li l-uniku dokument li ghandu huwa dak li esebixxa fis-seduta (dok. RF 1 a fol. 18).

4. L-intimat iddikjara ukoll, bil-gurament tieghu, fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2015 li huwa ma ghandux ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti peress li hija hallietu ghal hdax-il xahar shah juza s-servizzi taghha minghajr ma waqfitu.

   Ikkunsidra ulterjorment;

5. Illi mehud kollox in konsiderazzjoni, l-iskuza, ghax ma hi xejn ghajr skuza ta' l-intimat li huwa ma ghandux ihallas l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti peress li hija hallietu ghal hdax-il xahar shah juza s-servizzi taghha minghajr ma waqfitu ma taghmilx sens u ma tistax tintlaqa. Huwa minnu li s-socjeta rikorrenti hallietu juza s-servizzi taghha wara li kien gie terminat il-kuntratt, pero l-intimat kellhu obbligu li mat-terminazzjoni, huwa jiehu l-apparat lis-socjeta rikorrenti. Flok ghamel hekk, baqa jutilizza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti u ta' dan ghandu jhallas.

6. Fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 l-intimat ddikjara li huwa ma ghandu jaghti xejn salv ghal penali peress li huwa ma zammx il-kuntratt attiv ghal sentejn u ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni fuq dan il-punt, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jidhol u jezamina din il-vicenda tal-penali.

7. Mill-provi jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti, kif ridott, huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba' mija tnejn u erbghin euro u erbgha u ghoxrin centezmu ta' euro [€742.24c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-9 ta' Settembru, 2015 d-data tal-prezentata tat-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**